*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,835, 3 ta' Settembru, 1999*
*Taqsima B*

**A.L. 154 ta' l-1999**

## ATT TA' L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti għall-Gradi ta' Master of Philosophy - M.Phil. - u Doctor of Philosophy - Ph.D.- fl-Istitut tal-Lingwistika, 1999

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut tal-Lingwistika bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

**Titolu u interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għall-Gradi ta' Master of Philosophy - M.Phil. - u Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut tal-Lingwistika, 1999.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut tal-Lingwistika; u

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Lingwistika.

**Applikabilita'**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 1999 'il quddiem.

**Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-grad ta' M.Phil. huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad ta' Master jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti mis-Senat għal dan il-għan f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala relatat mill-qrib u rilevanti għal-Lingwistika.

(2) F'każijiet speċjali, il-Bord jista' jħalli applikanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżla fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jirreġistraw. L-applikazzjonijiet minn dawn l-applikanti għandhom jinkludu evidenza ta' profiċjenza u rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li qabel li jagħmilha ta' superviżur. Il-Bord jista' jesiġi rekwiżiti oħra li jistgħu jinkludu eżami jew eżamijiet ta' kwalifika.

(3) Il-grad ta' Ph.D. huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad ta' Master jew grad ta' Master of Philosophy minn din l-Universita' jew minn universita' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti mis-Senat għal dan il-għan f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala relatat mill-qrib u rilevanti għal-Lingwistika,
iżda l-applikanti li jkollhom il-grad ta' Master jistgħu jintalbu jirreġistraw l-ewwel għall-grad ta' Master of Philosophy.

**Reġistrazzjoni u Superviżjoni**

4. Il-proposta ta' riċerka ta' l-applikanti għandha tindika ċar il-kwistjonijiet tar-riċerka fil-qasam tal-Lingwistika li se jiġu trattati. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi titlu provisorju, proposta ta' riċerka dettaljata ta' madwar 1000 kelma, rakkomandazzjoni bil-miktub li x-xogħol propost jista' jsir mill-persuna direttament responsabbli għat-tmexxija ta' l-istituzzjoni, laboratorju jew *unit* kliniku fejn ix-xogħol se jsir u rakkomandazzjoni bil-miktub minn membru ta' l-istaff akkademiku li qabel li jagħmilha ta' superviżur.

5. Is-superviżur għandu jkun awtorita' stabbilita fil-qasam rilevanti ta' l-investigazzjoni.

**Il-Format u l-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni u tat-Teżi**

6. (1) Dissertazzjoni għall-M.Phil. normalment m'għandhiex taqbeż il-50,000 kelma waqt li teżi għall-Ph.D. m'għandhiex tkun ta' anqas minn 70,000 kelma u ta' mhux aktar minn 90,000 kelma. Dan jinkludi n-noti ta' l-aħħar, iżda ma jinkludix il-bibljografija u/jew l-indiċi analitiku u xi appendiċi.

(2) L-istudenti għandhom jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni jew tat-teżi llegati adegwatament għall-għan ta' l-eżami. Kull kopja għandu jkollha sunt ta' mhux aktar minn 300 kelma. Fi żmien xahar minn mindu jgħaddu mill-eżami tad-dissertazzjoni jew tat-teżi, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji, waħda titqiegħed fil-Librerija ta' l-Universita' u l-oħra titqiegħed fil-librerija ta' l-Istitut. Iż-żewġ kopji għandhom ikunu llegati kif ġej:

bi drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qoxra iebsa u bil-karti tat-tarf ta' kwalita' tajba; b'ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) it-titlu jew it-titlu fil-qosor tad-dissertazzjoni jew tat-teżi;
(iii) il-grad li għalih id-dissertazzjoni jew it-teżi ġiet sottomessa; u
(iv) is-sena meta ġiet sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs,* materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni jew mat-teżi, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

(3) It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti ta' qies A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju, font qies 12, u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-anqas 20 mm minn naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.